20 ta' Frar, 1953.

Imhallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Neg. Joseph Darmanin ne. *versus* Neg. Joseph Schembri

**Depożitu — Danni — Forza Maġġuri — Prova — Offerta Valida — Art. 2001, 2003, 1230 (3), 1216 u 1218 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-depożitarju huwa obligat juża, fil-kustodja tal-haġa depożitata għandu, dik id-diliġenza li biha huwa soltu jieħu ħsieb ta' ħwejġu, u mhux neċessarjament dik id-diliġenza li wiehed għandu juża ta' missier tajjeb tal-familja.*

*Id-depożitarju huwa tenut għad-dolo u kolpa gravi, avvolja huwa jkun aċċetta li jżomm il-haġa b'depożitu bil-patt li ma jkunx responsabili għall-ħsara li jista' jiġri fil-haġa.*

*Jekk id-depożitarju jinvoka l-każ fortuwitu bħala motiv ta' l-eżenzjoni tiegħu mill-ħsara li ssofri l-haġa depożitata, il-prova tal-każ fortuwitu hija miżħuta fuqu.*

*Id-depożitu mhux validu jekk ma jkunx ġie preċedut minn offerta valida; u l-offerta ma hix valida jekk ma tkunx tiġbor fiha d-debitu kollu. Għalkemm il-liġi, fid-dispożizzjoni li tiddetta din ir-regola, tikkontempla debitu ta' somma ta' flus, l-istess regola hija applikabili b'analoġija għal debiti oħra.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biha l-attur, wara li ppremetta li bi skrittura privata tat-30 ta' Settembru 1941 (li kopja tagħha fotografika hija eżibita maċ-ċitazzjoni markata "A"), il-konvenut kien obligaruhu li jżomm u jikkonserva f'Villa Rosa, San Ġiljan, fost ħwejjeġ oħra, il-makkinarju ta' l-attur għax-xogħol ta'

rħam, sakemm tispiċċa l-gwerra; u illi l-konvenut naqas minn dana l-obligu tiegħu, peress li ddispona minn parti sostanzjali ta' l-istess makkinarju mingħajr ma kien jaf l-attur, anzi wara li kien iddikjaralu li dik il-parti tal-makkinarju kienet ġiet *distrutta* bil-gwerra; u illi minħabba f'hekk l-attur ma setax jaħdem b'dak il-makkinarju u sofra ħsara inġenti; u illi lanqas wara l-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Gunju 1949, il-konvenut ma rrestitwixxa l-imsemmi makkinarju; talab illi (1) il-konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi u jikkonsenja lill-attur *il-makkinarju fuq imsemmi fi żmien qasir u perentorju* li jiffissalu l-Qorti; u jekk jonqos, (2) jiġi kundannat iħallas il-valur tiegħu skond ma jkun stabbilit mill-Qorti, anki per *mezz ta' periti*; u fi kwalunkwe każ, (3) il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur dik is-somma li tkun likwidata, anki per *mezz ta' periti* li tinnomina l-Qorti, bħala danni li sofra u li għad isofri l-attur minħabba l-inadempjenza tal-konvenut. B'riżerva ta' drittijiet oħra, kompriża l-azzjoni kriminali. Bl-imgħaxijiet kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-imsemmija ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Gunju 1949 u tal-mandati ta' *l-elevazzjoni u ta'* sekwestru tal-5 ta' Lulju 1949, kontra l-konvenut, li għandu jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

*Rat* is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-6 ta' Marzu 1951, li biha ġiet provvduta l-ewwel domanda fis-sens li ġiet milqugħa dik id-domanda *limitatament* għall-mutur elettriku, u ġiet eskluża għall-bqija, u ġie prefiss lill-konvenut, għall-finijiet ta' dik id-domanda, it-terminu ta' għaxart ijiem mill-jum *tas-sentenza*, u ġie *ordnat* li l-ispejjeż, stante l-vittorja u s-sokkombenza rispettiva, jibqgħu bla taxxa, dritt tar-Reġistru bin-nofs; wara li kkunsidrat;

Illi skond skrittura tat-30 ta' Settembru 1941, li kopja fotostatika tagħha tinsab fol. 6 ta' l-inkartament (l-original hu, konservat għan-norma tal-verbali fol. 127 u 142) il-konvenut iffirma dikjarazzjoni fis-sens infraskritt:— "Dichiaro inoltre di conservare a Villa Rosa il macchinario e mobiglio con incartamento d'ufficio del Signor Darmanin senza mia responsabilità (sic) e senza fitto, sino alla fine della guerra";

Ma hemmx dubju illi, fit-termini ta' din l-iskrittura, il-

konvenut assuma l-figura ta' depożitarju; għaliex ma jissemma l-ebda kreditu jew rahan;

Il-provi wrew............ "mal-makkinarju kien hemm anki mutur elettriku li ġie wkoll trasportat Villa Rosa";

Li bħala fatt, deher mill-provi li meta, fil-kors ta' l-aħħar gwerra, ġew mitfugħa mill-għadu bombi f'Villa Rosa, parti minn dan il-makkinarju ġie distrutt............. Il-konvenut ikkonferma wkoll, fix-xhieda tiegħu fol. 137, li l-makkinarju ġie bblizzjat, u li minnu fadal dak li ġie depożitat biċ-ċedola magħmula taħt l-awtorità tal-Qorti fl-14 ta' Ottubru 1949.............;

Li kwantu għall-mutur, l-istess konvenut fix-xhieda tiegħu fol. 139.........., Però l-Qorti ma tistax taċċetta li dan il-mutur intilef bil-ħsara tal-gwerra. Deher, infatti, mill-provi...............;

Stabbiliti dawn il-fatti, il-Qorti tgħaddi għall-eżami tar-responsabilità tal-konvenut;

Illi għandu jingħad immedjatament illi l-kliem "senza mia responsabilità" li hemm fl-iskrittura, jekk jistgħu talvolta jinfluwixxu fuq aspetti oħra, ċert li ma jeskludux il-fatt doluż jew il-kolpa lata; għaliex diversament l-interpretazzjoni tieħu għall-assurd li tkun qiegħda tiġi sanzjonata t-teorija li depożitarju jista' jillibera ruħu mill-fatt tiegħu doluż jew mill-kolpa gravi (ara f'materja analoga Ricci, Corso, paġ. 378, paragrafu 229, u Marcadè u Pont. Spieg. Teor. Prat. Cod. Nap. art. 1929, par. 426);

Li peress li l-każ preżenti ma jaqa' taħt ebda wieħed mill-każijiet partikulari ta' l-art. 2003, Kap. 23, għalhekk id-diliġenza li kellu juża l-konvenut hija dik indikata fl-artikolu ta' qabel, ċjoè "id-depożitarju għandu fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu jieħu ħsieb daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu". Dan l-artikolu tal-Kodiċi Malti hu simili għall-art. 1927 tal-Kodiċi Franċiż u 1843 tal-Kodiċi Taljan. L-awturi, almenu l-maġġuranza tagħhom, jaqblu illi, f'tema ta' depożitu, il-liġi dderogat għall-prinċipju solitu tad-diliġenza tal-missier tajjeb tal-familja, u eżiġiet biss id-diliġenza li d-depożitarju soltu jimpjega fil-kustodja ta' ħwejġu stess. Infatti hawn tapplika l-massima, vis-a-vis id-depożitant, "Debet sibi imputare quod talem elegerit". Jaqblu wkoll l-aw-

turi li fi kwalunkwe każ id-depożitarju hu tenut għall-kolpa gravi u għad-dolo (ara Laurent, Princ. Dio. Civ. Vol. XXVII, paġina 85 et seq.; Pothier no. 27; Marcadè par. 429; u oħrajn);

Skond il-liġi wkoll (art. 2003 Kap. 23) id-depożitarju ma hux responsabili ta' dak li jiġri b'forza maġġuri;

Għalhekk ma hemmx dubju illi, kwantu għall-makkinarju, il-konvenut ma hux responsabili; għaliex dan ġie distrutt in parti b'forza maġġuri, u l-bqija ġie regolarment depożitat kif fuq ingħad;

Illi kwantu għall-mutur elettriku, però, il-pożizzjoni hija diversa. Hu veru li l-attur ma rnaġġunġiex affattu l-prova li tianta jagħmel, l-ewwel li l-konvenut biegħ dan il-mutur lil Bernard Zammit, u t-tieni li l-mutur kien fil-pastifiċju tal-konvenut. Kwantu għall-ewwel tentativ................ Però, apparti l-fatt li l-attur ma rnexxilux jipprova dan, jibqa' dejjem illi, skond il-liġi, id-depożitarju, jekk jinvoka bħala eżoneru l-każ fortuwitu, għandu jippruvah. Il-liġi dwar id-depożitu tgħid biss li d-depożitarju ma hux responsabili tal-każ fortuwitu; imma l-awturi huma unanimi li għandha tapplika f'din il-materja d-dispożizzjoni ġenerali kontenuta fil-kodiċi tagħna, fl-art. 1230 (3) Kap. 23, skond liema d-debitur għandu jipprova l-każ aċċidentali li hu qiegħed jallega. Igħid il-Marcadè, għap-propożitu ta' l-artikolu simili tal-Kodiċi Franċiż:— "L'articolo 1927 essendo, come abbiamo detto, una applicazione dell'articolo 1302, mette implicitamente a carico del depositario la prova del caso fortuito, che estingue la sua obbligazione". L-istess igħid ir-Ricci, loc. ċit., par. 231, paġ. 382;

Illi l-konvenut ma ppruvax il-każ fortuwitu, ċjoè, fil-każ in ispeċje, la pprova li l-mutur ġie danneġġjat bil-bombi u lanqas li nsteraq; jibqa' għalhekk li l-Qorti tara jekk kienx hemm da parti tal-konvenut il-kopa gravi, għaliex, kif ġa ntqal, il-pożizzjoni hi, kif jirriassumiha l-Marcadè, meta qal fil-paragrafu 429:— "Il principio scritto nell'articolo 1927 è in ultima analisi che il depositario non è responsabile che del dolo e della colpa grave...........";

Illi fit-telf tal-mutur il-konvenut kien jivversa f'kolpa gravi. Hu stess fix-xhieda tiegħu ddikjara li kien qal, għap-

propożitu ta' dan il-mutur, "dak kien hawn, u ma nafx x'sar minnu". *Eppure*, avvolja l-Villa Rosa kienet rekwiżizzjonata mill-Awtoritajiet Militari, il-konvenut dejjem kellu "caretaker" (*ara* xhieda tiegħu fol. 100). Anzi ma kienetx rekwiżizzjonata l-villa kollha, u għalhekk il-konvenut baqa' jikkontrolla parti minnha. Kif jispjega l-Laurent (Vol. XVI, pag. 211), il-kolpa gravi, in bażi għall-insenjamenti tad-Dritt Ruman, tikkonsisti fili wieħed ittraskura dik id-diligenza li ħadd ma jommetti. Hemm kolpa gravi meta d-debitur jonqos mill-kura l-aktar normali. Issa, fil-każ in ispeċje, il-konvenut tant naqas minn din il-kura l-aktar elementari, li l-anqas biss jaf x'sar minnu l-mutur. Li ma kienx danneġġjat bil-gwerra qalu hewa stess; li ma kienx misruq jidher mill-fatt li l-konvenut qatt ma rrapporta s-serq tiegħu; almenu ma għamel ebda prova ta' daqshekk. Ma tax anqas prova li hu ħa ħsiebu b'xi mod. Difatti, milli jidher, telqu fil-Villa Rosa, u ma ħa ebda miżura ta' prekawzjoni ta' xejn. Għalhekk hemm il-kolpa gravi, u għandu jkun responsabili għaliħ;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn eskludiet lill-attur mid-domanda għall-bqija tal-makkinarju barra l-mutur elettriku, u fejn ikkundannatu jħallas l-ispejjeż tiegħu u nofs id-dritt tar-Reġistru, u jiġi minflok deċiż għat-tenur ta' l-ewwel domanda fl-interezza tagħha, u l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż kollha ta' l-ewwel u ta' din l-istanza;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi l-aggravju miġjub 'il quddiem mill-appellant kontra s-sentenza appellata huwa dak li, kwantu għall-makkinarju, b'dik is-sentenza ġie ritenut li l-konvenut mhux responsabili, għaliex dak il-makkinarju ġie in parti distrutt b'forza maġġuri u dak li kien fadal ġie regolarment depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti. Il-pretensjoni ta' l-appellant hija li l-imsemmi makkinarju ma ġiex distrutt jew danneġġjat minħabba forza maġġuri, u li d-depożitu magħmul mill-konvenut mhux validu għaliex ma jikkomprendix il-makkinarju kollu;

Ikkunsidrat;

Illi skond id-dokument eżibit fis-seduta ta' l-4 ta' Mejju

1950.............. il-konvenut stqarr li kien qiegħed iżomm f'Villa Rosa, fost affarijiet oħra, il-makkinarju ta' l-attur appellant, mingħajr ebda responsabilità u mingħajr kera, sa l-aħħar tal-gwerra. Mill-istess dokument, kif sewwa rrilevat l-Ewwel Qorti, jidher li l-konvenut riġward dawk l-oġġetti assuma l-figura ta' depożitarju, bl-obligu li jieħu ħsieb tagħhom daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu (art. 2001 tal-Kodiċi Ċivili), u dan non ostante l-kliem "senza mia responsabilità" li hemm fl-imsemmija skrittura tat-30 ta' Settembru 1941. L-art. 2003 tal-Kodiċi fuq ċitat jippreskrivi li d-depożitarju mhux responsabili għal dak li jiġri b'forza maġġuri;

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi li saru f'din il-kawża jirriżulta li, minħabba bombi li waqgħu f'Villa Rosa fl-aħħar gwerra, parti mill-makkinarju fuq imsemmi ġie distrutt..............

Għal dik il-parti tal-makkinarju li ġiet distrutta bil-bombi tal-għadu l-konvenut mhux tenut li jagħtiha lura lill-appellant, billi, bis-saħħa ta' l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art. 2003 huwa mhux responsabili għal dak li jiġri bħala effett ta' forza maġġuri;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut, wara li offra lill-appellant il-biċċiet tal-makkinarju li ma kienux ġew distrutti, għadda għad-depożitu tagħhom, kif jidher mid-dokumenti fil-fol. 287 u 288 tal-proċess. L-oġġetti hekk depożitati huma dawk li ġejjin: makna tas-serrar..............;

L-appellant qiegħed isostni li dak id-depożitu ma jikkomprendix l-oġġetti kollha li kienu jiffurmaw parti mill-imsemmi makkinarju u li kienu jinsabu fil-poter tal-konvenut. Jekk dan l-assunt ta' l-appellant jirriżulta sostnut mill-provi, il-konsegwenza tkun li dak id-depożitu ma ġiex validament magħmul u ma jipproduċix l-effett kontemplat fit-tieni paragrafu ta' l-art. 1216 ta' l-imsemmi Kodiċi Ċivili. Infatti, dak id-depożitu kellu jkun preċedut minn offerta valida; u din, biex tkun hekk, jeħtieġ li tkun tiġbor fiha d-debitu kollu (art. 1218 (c) Kodiċi ċitat); u għalkemm f'din id-dispożizzjoni tal-liġi d-debitu kontemplat huwa dak ta' somma ta'

flus, l-istess dispożizzjoni hija b'analoġija applikabili wkoll għal debiti oħra, billi l-prinċipju fondamentali hu identiku; u jinsab bażat fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 1199 (Kodiċi ċitat), li jistabbilixxi li l-kreditur mhux tenut li jirċievi l-ħlas ta' biċċa minn d-dejn, anki jekk dan ikun diviżibili;

Ikkunsidrat;

Illi mir-relazzjoni ta' l-espert Galea, minnu preżentata u maħlufa fl-24 ta' Marzu 1952 (fol. 343), jirriżulta liema bċejjeċ tal-makkinarju għad fadal, li l-konvenut messu kkonsenja lill-appellant. Dawk il-bċejjeċ jinsabu partitament elenkati fil-fol. 345 tal-proċess, u almenu s-sodda (bed plate), li l-espert Galea qal li sab għand id-depożitarju P.L. Micallef, ma tidherx li kienet tifforma parti mid-depożitu f'idejn l-istess Micallef magħmul. Infatti, skond iċ-ċedola (fol. 287), għand Micallef ġew depożitati l-karru bir-roti neqsin, il-"pillar" li miegħu jintrabtu ċ-ċinga u s-sega, u wieħed mill-erba' "brackets" li suppost jgħollu l-karru. Għar-raġunijiet fuq miġjuba, billi d-depożitu ma kienx jikkomprendi l-bċejjeċ kollha tal-makkinarju li kien fil-poter tal-konvenut, ma jistax jiġi ritenut bħala validu, u l-istess konvenut ma jistax jitqies liberat mid-debitu tiegħu, skond l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art. 1216. Ma hemmx għalfejn, għalhekk, li jiġu mistħarrġa r-raġunijiet l-oħra miġjubin 'il quddiem mill-appellant kontra l-validità ta' l-imsemmi depożitu;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti sa fejn kompatibili;

Tilqa' l-appell ta' l-attur fil-kapi devoluti lil dina l-Qorti fis-sens li, wara li tiddikjara mhux validi, għaliex mhux integri, id-depożiti magħmulin mill-konvenut biċ-ċedoli riżultanti mid-dokumenti fil-fol. 287 u 288 tal-proċess, tikkundanna lill-istess konvenut biex fi żmien ħmistax-il ġurnata millum jagħti lura u jikkonsenja lill-attur il-bċejjeċ tal-makkinarju elenkati fir-relazzjoni ta' l-espert Robert Galea (fol. 345), bħala li ġew minnu misjubin għand id-depożitarji Spiteri Sacco u P.L. Micallef, u wieħed mill-erba' "brackets" li suppost jgħollu l-karru, u li kien ġie għand l-istess Micallef depożitat, imma kien jinsab mitluf. Dik il-konsenja għandha ssir bl-assistenza ta' l-imsemmi espert Galea, li għan-

du jieħu ħsieb li l-oġġetti fuq imsemmijin jiġu kollha konsenjati lill-attur;

U biss fis-sens fuq imsemmi laqgħet l-ewwel talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, relativa għall-makkinarju, barra l-mutur, u eskludietha għall-kumplament, u f'sens konformi qiegħda tiġi konfermata s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jitħallsu terz mill-attur u żewġ terzi mill-konvenut; u dawk ta' din l-istanza, barra dawk relativi għall-invalidità tad-depożitu, li għandhom jitħallsu mill-konvenut, jitħallsu mill-kontendenti fi kwoti ugwali;

U tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni tad-domandi l-oħra miġjubin fl-att taċ-ċitazzjoni.